MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 1529/2000/1

**Giovanni Maria sive Jimmy Mifsud**

**Vs**

**Jesmond Farrugia**

Il-Qorti,

Ra l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ erba’ mija u tmintax il-lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm418.98) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta fit-2 ta’ Settembru 2000 gewwa Triq Wied il-Ghasel, Mosta’ il-konvenut kien qed isuq il-vettura Hillman Hunter bin-numru ta’ registrazzjoni HAA 309 laqat il-vettura Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni IAH 589, propjeta’ tal-attur, meta il-konvenut kien hiereg minn triq sekondarja, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba

negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, konkuzi dawk tal-ittra legali datata 3 ta' Ottubru 2000 u bl-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizia, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan hu kaz fejn konvenut, avolja inghata l-opportunita ampja sabiex jissottometti provi in sostenn da dak eccepit minnu, naqas milli jaghmel dan (ara fol 33 u fol 39 sa fol 42 tal-atti) kif ukoll ir-rikors tal-istess konvenut presentat fit-12 ta' Mejju 2004).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur, daparti tieghu, ssottometta is-segwenti provi:-
a. <u>PS 1133 Joseph Borg</u> (fol 16 sa fol 21 tal-atti) esebixxa kopja tar-<u>rapport</u> u tal-<u>iskizz</u> relattiv ghal dan l-incident. Mill-istess xhieda jirrisulta ili t-Triq in kwistjoni hija triq wiesa' minghajr, pero' ma hemmx linja medjana, impingija fuq l-istess triq. Inoltre u cjononostante x-xhud spjega illi hu minnu illi l-karozza misjuqa mill-attur u li kellha n-numri IAH 589 kienet totalment 'wrong side' u li fuq ix-xellug tal-istess karozza kien hemm karozzi ohra parkeggati u, dwar dan, specifika, testwalment "…. Ma' tistax tghid li dawn

kienu pparkjati b'mod simetriku cioe kienux kollha mal-bankina jew inkella angolati mal-bankina'.

Illi in rigward il-konvenut jidher mill-imsemmi skizz li dan kien hiereg, bil-vettura tieghu numru HAA 309 minn triq laterali indikata bhala 'Triq gdida fi Triq il-Pont'. Quddiem l-istess vettura vicin il-fanal tax-xellug hemm indikat 'debris' fuq it-triq, li jista' jinghad li kien l-'spot of impact'. In rigward ir-rapport, a fol 20 hemm verbalizzat dak li stqarrew il-partijiet 'a caldo' lill-istess xhud. IN rigward dan il-konvenut jidher li stqarr illi kif gie fil-kantuniera tat-triq laterali indikata, hu hares u 'rajt sewwa' li ma kienx gej traffiku miz-zewg nahat u kif hareg il-'van', misjuq mill-attur 'gie ghal fuqi 'wrong side' waqt li l-attur qal illi kien qed jsuq fit-triq principali u '…. F'daqqa wahda rajt karozza hierga….' Mill-istess triq laterali '…. U hasdidtni …. Filwaqt li sibt ruhi aktar lejn il-lemin tieghi'.

a) ix-xhieda tieghu stess (fol 23 et seq ibid) kif ukoll zewg ritratti bil-kulur (fol 27). Minn dawn ir-ritratti, wiehed jista jara l-lokalita' ta' dan l-incident b'karozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq principali b'mod specjali dawk angolati mal-bankina fuq in-naha tax-xellug tal-attur, liema karozzi jirrestringu u jdejqu l-passagg ghal vetturi li qed jinsaqu fl-istess triq. In rigward l-iskizz imsemmi, l-attur ma kienx qabel mieghu in rigward, biss, tal-marki ta' 'brakes', kif hemm murija, wara l-vettura misjuqa minnu fis-sens li dawn, attwalment kienu 'angolati ossija immejlin'. L-istess attur specifika illi, fuq il-lemin tieghu kien hemm wieqaf 'van' pjuttost kbir li, pero, kien di gja ssorpassa ftit il-boghod mill-kantuniera tat-triq laterali waqt li, b'referenza ghall-karozzi parkeggati fuq ix-xellug tieghu, kien hemm, meta gara dan l-incident inqas bhala numru u kwantita minn dawk kif murija, fuq l-imsemmi zewg ritratti. Hawhekk l-attur sema' fattur li hu importanti cjoe "Jiena nikkalkola li kont fuq nofs it-triq. Bejn wiehed u iehor, minhabba l-karozzi parkegjati. Inoltre meta ra lill-vettura l-ohra, hu ghafas il-'brakes' u gie kliemu stess 'gibidli l-'van' misjuq minnu u dwar dan 'Jista' jkun li sakemm ghafast il-brejk dawwart l-steering wheel' lejn il-lemin' minhabba li kien nhasad u b'hekk il-marki ta' 'brakes' kienu aktar angolati minn kif murija fuq l-imsemmi skizz. Ta' minn jinnota illi, in re-esami, l-attur sema', b'mod vag, illi hu

kien, qabel l-incident parkeggat fil-vicinanzi minghajr pero', ma seta jindika d-distanza bejn fejn kien parkeggat u fejn gara' dan l-incident. Inoltre hu testwalemnt qal 'Jiena <u>nahseb</u> li kont ipparkeggat ('wicci l-barra') in naha l-ohra tal-iskola'.

b) <u>Joseph Bartolo</u> (fol 31 u fol 32) ikkonferma illi l-'brake marks' wara l-'van misjuq mill-attur kienu 'maghwgin' u 'angolati'. Inoltre hu kkonferma ukoll ,illi , dak il-hin kien hemm karozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq, inklus 'truck' kbir, di gja imsemmi fix-xhieda tal-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi minn analisi tal-provi kif esposti, il-Qorti hi tal-fehma li dan il-kaz jinvolvi wiehed fejn il-maggor parti tar-responsabilta ghandha tigi akkolata lill-konvenut li, fl-opinjoni fondata tal-istess Qorti, hareg minn triq laterjali, <u>minghajr d-debita kawtela sabiex jassigura ruhu illi ma kienx ghaddej traffiku iehor miz-zewg nahat tat-triq principali</u>. Pero' l-attur ghandu jassumi parti mir-responsabilita' tal-istess in vista li ma tax spjegazzjoni kreddibbli il-ghala il-vettura tieghu li kienet qed tinsaq fuq nofs it-triq minhabba il-karozzi parkeggati fuq ix-xellug tieghu, spiccat <u>totalment fuq in-naha l-hazina tat-triq</u>. Illi, in rigward l-istess responsabilita, il-Qorti ikkonsiderat dan 'arbitrio boni visi' u tara li l-konvenut ghandu jassumi kwart (1/4) mir-responsabbilta' ta dan l-incident bir-rimanenti tlett kwarti (3/4) akkollat lill-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-ammont globali ta' danni pretiz mill-attur, li ukoll ma giex konstestat b'xi prova kontrarja, ghandha issir referenza ghad-dokumenti esebiti mill-istess attur a fol 34 sa fol 38 ibid.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' 'in parte' it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli '<u>in parte</u>' tal-incident in esami kif hawn fuq premess, u dan minhabba negligenza, imperizja u in-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. Tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm418.98,0 u;
3. A basi ta' dak premess tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm314.25,0 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Ottubru 2000, dawn jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut u kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------